MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 351/2007

**Bank of Valletta Plc (C2833)**

**vs**

**Lee William Glass (ID459092M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija disagha u erbghin Lira Maltin u centezmu (LM149.01) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-Loan Account tal-konvenut Lee William Glass mall-Bank of Valletta PLc skond dokumenti annessi mat-talba flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-11 ta’ April, 2007 sal-jum tal-pagamanet effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra ufficjali datata 9 ta’ Frar, 2007 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas tad-dejn fuq imsemmi izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Gie prezentat affidavit ta’ konferma tal-ammont dovut mat-talba.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema’ x-xhieda ta’ Anna Muscat Fenech, Manager, Legal Office mas-socjeta’ attrici debitament awtorizzata tixhed fejn ikkonfermat illi l-ammont ta’ mija disgha u erbghin Lira Maltin u centezmu (LM149.01) ghadu dovut.

Illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk l-ammont ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------